MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 294/2012

**A *sive* B C**

**vs**

**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A C li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"Illi hija ilha mizzewga mal-intimat ghal dawn l-ahhar wiehed u tletin sena u ghandhom tifel wiehed Joseph li llum ghandu ghoxrin sena;

Illi zewgha l-intimat telaq mid-dar taz-zwieg fejn ghadha tghix l-esponenti hames snin ilu;

Illi sakemm huwa kien jghix id-dar, il-hajja in komuni kienet saret impossibli minhabba ragunijiet imputabbli lill-intimat. Dan billi ghamel zmien twil ma jahdimx, fittex il-kumpanija tal-hbieb u spicca ttajjar fuq il-loghob.

Illi meta l-esponenti kienet tkellmu kif jispicca jidghi u sahansitra jerfa jdejh fuqha, tant li ghamlet rapport l-ghassa u lanqas irid ihallas xi manteniment.

Illi l-esponenti nghatat il-permess tmexxi b'din il-kawza;

Ghaldaqshekk jghid l-intimat ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi C u dan minhabba tortijiet imputabbli lil D C;

2. Tiffissa retta xierqa ta' manteniment ghaliha;

3. Tikkundanna lill-intimat D C jhallas din ir-retta alimentati hekk iffissata;

4. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jkunu komminati kontra l-intimat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kap 16;

Bl-ispejjez kontra l-intimat imharrek minn issa in subizzjoni."

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata.

Rat l-atti u l-provi mressqa.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

L-**attrici B C** xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal. It-tifla llum tinsab mizzewga filwaqt li t-tifel, illum maggorenni, ghadu jirrisjedi mal-attrici. Tispjega kif il-konvenut telaq mid-dar matrimonjali madwar sitt snin ilu u ma regax irritorna. Tirrakkonta episodji mill-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet li kienu karatterizzati minn agir vjolenti da parti tal-konvenut. Da apparti, l-konvenut ma kellux attivita’ lavorativa stabbli. Skond l-attrici aktar kien mohhu sabiex johrog jixrob mal-hbieb milli jmur jahdem. L-attrici tghid li kien ikun xoghol il-konvenut kien imur lura d-dar mimli trabijiet.

Mindu telaq mid-dar il-konvenut m’ghaddiliex aktar flus u kien ghalhekk li bdiet tghix bl-ghajnuna socjali.

Id-dar matrimonjali hija mikrija minghand il-Gvern.

**L-Ispettur Darren Borg** xehed illi mir-records tal-pulizija kien jirrizulta li fis-27 ta’ Lulju 2007 l-attrici kienet ghamlet rapport li l-konvenut kien refa’ jdejh fuqha izda ma riditx li jittiehdu passi bil-Qorti kontra tieghu. Fuq dan l-incident xehed ukoll **PS 728 Brandon Borg**.

B’nota pprezentata fis-16 ta’ Marzu 2015 il-konvenut ipprezenta zewg certifikati medici li juru illi fis-sena 2014 il-konvenut kien gie rikoverat l-isptar darbtejn in konnessjoni ma’ problemi kardijaci.

Fl-udjenza tal-5 ta’ Mejju 2015 l-attrici iddikjarat permezz tal-Avukat taghha illi l-unika pretensjoni taghha llum kontra zewgha hi li tigi assenjata t-titolu lokatizju fuq il-fond matrimonjali u li ma kinitx qed tinsisti ghall-manteniment peress li kienet taf li zewgha kien ilu s-snin bla impieg u kien jghix bis-servizzi socjali. Iddikjarat ukoll illi assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti ma kien hemm xejn hlief il-mobbli fid-dar matrimonjali.

Ikkunsidrat;

Mill-provi imressqa mill-attrici, li ma gew bl-ebda mod kontradetti, jirrizulta sodisfacentement illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut. Gie ppruvat illi l-konvenut telaq mid-dar matrimonjali minghajr ma ha l-ebda passi legali. Mhux biss telaq mid-dar izda ma ta l-ebda sostenn lill-martu meta kien jaf li ma kellha l-ebda dhul.

L-**artikolu 41 tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu dwar il-konsegwenzi legali ta'abbandun fiz-zwieg.

**"41.** Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba."

Dwar il-konsegwenzi legali kontra min ikun hati ghat-tkissir taz-zwieg il-Kodici Civili jipprovdi s-segwenti:-

**"48.** (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –

(*a*) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(*b*) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(*ċ*) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għal-lfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mil-lpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(*d*) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

(2) Il-ħwejjeġ imsemmijin fis-subartikolu (1)(*b*) jerġgħu jmorru għand il-parti l-oħra, u l-akkwisti msemmijin fil-paragrafu (*ċ*) ta’ dak is-subartikolu jibqgħu kollha għal din il-parti, bla ħsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni oħra jkunu kisbu fuq dawk istess ħwejjeġ qabel ma s-seħntenza tal-firda tkun ġiet imniżżla fir- Reġistru Pubbliku.”

Il-konvenut, nonostante li gie debitament notifikat, ma deherx f’dawn il-proceduri. L-unika intervent tieghu kien li permezz tal-Avukat tieghu pprezenta fir-registru tal-Qorti zewg certfiikati medici. Ghalhekk il-Qorti qed issib lill-konvenut hati ta’ abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kap. 16.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut,

1. Tilqa’ l-ewwel talba, tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet konjugi C u tiddikjara illi ghat-tkissir taz-zwieg kien jahti unikament il-konvenut minhabba abbandun ai termini tal-Artikolu 41 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Tikkunsidra t-tieni u t-tielet talba bhala rinunzjati u ghalhekk ma tiehux konjizzjoni ulterjuri taghhom.

3. Tilqa’ r-raba’ talba, tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tassenja lill-attrici it-titolu lokatizju fuq il-fond matrimonjali 7, Block 2, Flat nru 6, Triq San Patrizju, Valletta bil-mobbli kollha li jinstabu fih.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------